Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,158, 2 ta' April, 2019

Taqsima B

A.L. 56 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-Postgraduate Certificate in the Teaching of Core Science and Applied Science – P.G. Cert. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-Postgraduate Certificate in the Teaching of Core Science and Applied Science – P.G. Cert. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"iċ-Ċertifikat" tfisser il-Postgraduate Certificate in the Teaching of Core Science and Applied Science - P.G. Cert.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Postgraduate Certificate in the Teaching of Core Science and Applied Science - P.G. Cert.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2019 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom ikollhom:

(a) il-grad ta' Bachelor of Education (Honours) bi speċjalizzazzjoni fil-Bioloġija jew fil-Kimika jew fil-Fiżika; jew

(b) grad tal-ewwel ċiklu flimkien ma' Postgraduate Certificate in Education bi speċjalizzazzjoni fix-Xjenza; jew

(ċ) grad tal-ewwel ċiklu u/jew grad tat-tieni ċiklu jew ogħla fix-Xjenza u warrant permanenti ta' għalliem; jew

(d) kwalunkwe kwalifika ta' għalliem rikonoxxuta oħra fix-Xjenza u warrant permanenti ta' għalliem.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' żewġ semestri ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-Programm ta' Studju għandu jikkonsisti f'għadd ta' taqsmiet studju li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS.

6. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju mfassal skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali u approvat mis-Senat. Bl-approvazzjoni tas-Senat, fil-każ li l-Bord ikun kostrett jagħmel xi tibdiliet, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

7. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim.

(2) L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS għal taqsimiet studju mgħallma jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, ikunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Ir-Riżultat tar-Rikonoxximent

8. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha indikati fl-ordinament 5.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.